KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 5 ta' Diċembru 2008(5.12)
(OR.en,fr)

16685/08

LIMITE

COSDP 1128
PESC 1626
CIVCOM 691

PUBLIC

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 16684/08 COSDP 1127 PESC 1625 CIVCOM 690 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Rapport tal-Presidenza dwar il-PESD |

1. Matul il-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2008, il-COREPER:

- ikkonferma l-abbozz ta' Rapport tal-Presidenza dwar il-PESD mehmuż;

- qabel li jippreżenta lill-Kunsill għall-approvazzjoni, bl-intendiment li l- parenteżi kwadri fil-paragrafu 126 ser jitneħħew fid-dawl tar-riżultati tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru.

2. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' test, bil-ħsieb tat-trasmissjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew.

________________________

**ABBOZZ TAR-RAPPORT TAL-PRESIDENZA DWAR IL-PESD**

1. Skont il-mandat definit mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2007, il-Presidenza għandha tippreżenta dan ir-Rapport dwar il-PESD.

2. Fil-preżentazzjoni ta' dan ir-rapport, il-Presidenza nnotat li d-Danimarka ġibdet l-attenzjoni għall-Protokoll Nru 5 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li hu anness għat-Trattat ta' Amsterdam.

## I. ATTIVITAJIET OPERATTIVI

### Afrika

Ġlieda kontra l-piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja: *Azzjoni ta' Koordinazzjoni EU NAVCO u Operazzjoni ATALANTA*

EU NAVCO

3. Bl-adozzjoni tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżijiet fil-5 ta' Awwissu 2008, il-Kunsill iddeċieda li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1814 u 1816 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Miżura inizjali ppermettiet li fid-19 ta' Settembru 2008 tiġi stabbilita **l-azzjoni ta' koordinazzjoni militari EU NAVCO fil-qasam tal-ġlieda kontra l-piraterija u l-protezzjoni tal-kummerċ marittimu**. Iċ-ċellola EU NAVCO, parti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li l-Kap tagħha huwa l-kaptan tal-bastiment Andrés Breijo Claur, hija magħmula minn esperti navali li ġejjin minn diversi pajjiżi membri. B'hekk seta' jiġi żviluppat netwerk ta' relazzjonijiet mal-professjonisti tal-Komunità marittima.

B'dan il-mod, l-azzjoni tagħhom iffaċilitat l-approssimazzjoni bejn, min-naħa waħda, il-ħtiġijiet ta' protezzjoni għal bastimenti mikrija mill-Programm Dinji tal-Ikel (PDI) u bastimenti vulnerabbli oħrajn u, min-naħa l-oħra, il-preżenza ta' mezzi navali jew tal-ajru ta' Stati Membri jew Stati terzi li joperaw fir-reġjun. Bl-azzjoni tagħha, EU NAVCO ffaċilitat l-istabbiliment minn Ottubru 2008 ta' żoni ta' protezzjoni għall-benfiċċju ta' diversi bastimenti merkantili u tas-sajd. Dan ippermetta b'mod partikolari l-akkumpanjament tal-bastimenti kummerċjali minn bastimenti tal-gwerra, li joperaw taħt kmand nazzjonali. EU NAVCO kkontribwiet ukoll għal mobilizzazzjoni aktar qawwija tal-Istati Membri, inkluż għall-iżgurar tat-tkomplija tal-protezzjoni tal-bastimenti mikrija mill-PDI. L-Istati li wrew interess li jikkooperaw mal-EU NAVCO ġew mistiedna jipparteċipaw fl-operazzjoni ATALANTA, li għandha tibda fil-bidu ta' Diċembru 2008. Il-kompiti ta' EU NAVCO ser jitwettqu mill-operazzjoni ATALANTA wara t-tnedija tagħha.

Operazzjoni ATALANTA

4. It-tisħiħ tas-sigurtà marittima lil hinn mill-ixtut tas-Somalja huwa parti mill-azzjoni globali tal-Unjoni Ewropea għall-istabilizzazzjoni tas-Somalja. Għaldaqstant il-missjoni allokata lill-forza navali tal-Unjoni Ewropea (**operazzjoni ATALANTA**) ser tkun li jingħata kontribut għall-protezzjoni tal-bastimenti tal-PDI li jwasslu l-għajnuna alimentari lill-popolazzjonijiet spustjati tas-Somalja, skont l-objettivi umanitarji tar-Riżoluzzjoni 1814, għall-protezzjoni ta' bastimenti vulnerabbli li jkunu qed ibaħħru lil hinn mill-ixtut tas-Somalja u għad-dissważjoni, il-prevenzjoni u l-interventi li jimmiraw għat-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu ta' armi lil hinn mill-ixtut tas-Somalja, skont ir-Riżoluzzjoni 1816.

5. Il-ħidma ta' ppjanar għall-operazzjoni ATALANTA għamlet progress rapidu matul il-ħarifa tal-2008 bl-għażla tal-Kwartieri Ġenerali operattivi f'Northwood (Renju Unit) u l-ħatra tal-kmandant tal-operazzjoni, il-Viċi Ammiral Philip Jones. L-ewwel kmandant tal-forza abbord, il-kontro ammiral Antonios Papaioannou, ġie maħtur biex jiżgura l-kmand tal-forza navali hekk kif tiġi mnedija l-operazzjoni f'Diċembru 2008.

L-ippjanar operattiv b'mod partikolari wassal għall-proposta ta' rotazzjoni ta' diversi kmandanti tal-forza abbord sabiex jiġi kopert il-perijodu tal-mandat stabbilit għal sena bl-azzjoni komuni tal-Kunsill adottata fl-10 ta' Novembru 2008. Barra minn hekk għandha tiġi żgurata l-koordinazzjoni mal-atturi l-oħrajn preżenti fiż-żona ta' operazzjoni.

EUFOR Tchad/RCA

6. L-**EUFOR Tchad/RCA**, skjerata f'post imbiegħed u diffiċilment aċċessibbli, tikkontribwixxi b'mod importanti għas-sigurtà ta' din iż-żona tal-Afrika, għall-konteniment tat-tensjonijiet reġjonali u għall-appoġġ għall-isforzi internazzjonali ta' protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili milquta mill-kriżi reġjonali fid-Darfur. L-EUFOR wettqet pattulji f'żona estiża ferm u tat l-appoġġ tagħha lill-iskjerament tal-MINURCAT. Barra minn hekk, l-EUFOR implimentat miżuri ta' protezzjoni għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet umanitarji, u b'hekk uriet ir-rwol essenzjali tal-Unjoni Ewropea biex tiffaċilita l-aċċess għall-għajnuna umanitarja.

7. L-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA hija parti minn qafas ta' appoġġ pluridimensjonali li l-Unjoni Ewropea tagħti fir-reġjun. Il-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet hija effettiva, bejn il-forza Ewropea u l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni u żvilupp tal-Komunità Ewropea fil-post, kif ukoll l-issuktar tal-għajnuna umanitarja ta' din tal-aħħar. Ta' min jinnota l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Programm ta' Akkumpanjament għall-Istabilizzazzjoni fil-Lvant taċ-Ċad, li jimmira għar-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni f'dan ir-reġjun.

8. Fl-okkażjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-EUFOR Tchad/RCA, il-Kunsill kien issottolinja li kienet għadha meħtieġa l-preżenza armata internazzjonali f'dan ir-reġjun wara t-tluq tal-forza Ewropea sabiex jiġi żgurat li l-progress li nkiseb ikun dejjiemi. L-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1834 tal-Kunsill tas-Sigurtà li jesprimi l-intenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li l-EUFOR tiġi ssostitwita minn komponent militari tal-MINURCAT, huwa pass importanti.

L-Unjoni Ewropea wriet ix-xewqa li n-Nazzjonijiet Uniti jkunu jistgħu jikkonkludu malajr b'suċċess il-ħidma ta' tħejjija għal transizzjoni effiċjenti, kif ukoll l-ippjanar u l-ġenerazzjoni tal-forzi, bil-ħsieb tat-trasferiment ta' awtorità effettiva lil operazzjoni militari tan-Nazzjonijiet Uniti fi tmiem il-mandat tal-EUFOR, fil-15 ta' Marzu 2009.

9. F'dan il-kuntest, ġiet stabbilita kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi Brussell, il-Kwartieri Ġenerali operattivi f'Mont-Valérien (Franza) u d-Dipartiment tal-Operazzjonijiet għaż-Żamma tal-Paċi fi New York.

10. Qed jipparteċipaw fl-operazzjoni tliet pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea: l-Albanija, il-Kroazja u r-Russja.

Repubblika Demokratika tal-Kongo: EUSEC RD Congo u EUPOL RD Congo

11. Iż-żewġ missjonijiet tal-PESD, flimkien mal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea, komplew l-appoġġ tagħhom għall-proċess tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) billi pprovdew kompetenza u assistenza teknika lill-awtoritajiet lokali fl-oqsma differenti (Pulizija, Ġustizzja u Difiża). Dawn l-attivitajiet qed ikomplu minkejja żviluppi gravi fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) f'dawn l-aħħar xhur.

12. L-estensjoni b'sena tal-**Missjoni EUSEC RD Congo**, sat-30 ta' Ġunju 2009, tixhed l-impenn kontinwu tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-RSS, fil-qasam tad-difiża, u favur l-istabilizzazzjoni fir-reġjuni tal-Lagi l-Kbar. Il-Missjoni EUSEC RD Congo kompliet l-appoġġ tagħha għar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea.

13. Fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni militari, il-missjoni kompliet iċ-ċensiment bijometriku tal-persunal tal-Forzi Armati. L-implimentazzjoni tal-proġett dwar il-katina ta' pagamenti ġiet estiża għall-forzi armati kollha, fuq talba tal-Ministru tad-Difiża Kongoliż.

14. F'dan il-kuntest, l-**EUPOL RD Congo** tkompli tappoġġa, minn meta tnediet f'Lulju 2007, l-isforzi ta' riforma tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNK), b'mod partikolari permezz tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u ta' Riforma tal-Pulizija (KMRP). Il-missjoni tkompli tiffaċilita wkoll ir-rabta bejn il-pulizija u l-katina ġudizzjarja permezz tal-interfaċċa ġustizzja tagħha.

15. Il-missjoni qed tkompli tħejji l-iskjerament tal-fergħa fil-Lvant tal-pajjiż (Goma u Bukavu) billi ssegwi b'attenzjoni l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun.

16. Barra minn hekk, ġiet organizzata żjara ta' studju f'Diċembru 2008 minn żewġ Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, il-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Grupp ta' Ħidma Politiku-Militari. Din iż-żjara għandha tippermetti b'mod partikolari li jiltaqgħu l-missjonijiet EUSEC u EUPOL fil-post.

<u>EU SSR Guinea Bissau</u>

17. Il-missjoni **EU SSR Guinea-Bissau** bl-għan li tagħti sostenn lill-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà fil-qasam tal-pulizija, il-ġustizzja u d-difiża, tnediet fis-16 ta' Ġunju 2008 għal perijodu inizjali ta' 12-il xahar.

18. Inkiseb progress anki jekk il-passi 'l quddiem ma jsegwux ritmu uniformi f'dawn it-tliet pilastri. Minkejja bidla fil-gvern f'Awwissu, il-missjoni setgħet tistabbilixxi relazzjonijiet tajba mal-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari permezz ta' workshops organizzati f'kooperazzjoni mal-korpi lokali inkarigati mill-proċess ta' riforma. Il-missjoni hija meqjusa bħala kontribut importanti tal-komunità internazzjonali għall-proċess ta' riforma.

19. Il-missjoni stabbiliet kuntatti tajbin ħafna mal-atturi internazzjonali kollha impenjati fil-proċess ta' riforma u b'mod partikolari mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, ir-rappreżentanti skjerati skont l-Istrument ta' Stabbiltà, is-sub-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ECOWAS. Laqgħa tal-"Ħbieb tal-Ginea-Bissaw" organizzata mill-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Novembru fi Brussell issottolinjat li hija meħtieġa koordinazzjoni akbar bejn l-atturi.

20. Ir-rieda tal-awtoritajiet politiċi nazzjonali biex jitlesta l-proċess ta' riforma dehret b'mod partikolari bit-twettiq taċ-ċensiment tal-forzi armati u miż-żamma tal-elezzjonijiet parlamentari fis-16 ta' Novembru, li ġew ivvalutati bħala ġusti u trasparenti mill-osservaturi internazzjonali. Din ir-rieda ser tkun essenzjali għall-impenn tal-Unjoni Ewropea u tal-komunità internazzjonali fil-futur.

**<u>Balkani tal-Punent</u>**

<u>Operazzjoni Althea</u>

21. Wara r-rikonfigurazzjoni b'suċċess tal-Operazzjoni ALTHEA fil-Bosnja-Ħerzegovina fl-2007, il-forza mmexxija mill-UE (EUFOR) tikkonsisti f'madwar 2200 truppi fuq l-art, appoġġati minn riżervi barra mill-pajjiż. Il-prijoritajiet operattivi tal-forza jibqgħu ż-żamma ta' ambjent sigur, it-trasferiment tal-kompiti tal-Uffiċju tal-Affarijiet Militari Konġunti (JMA) lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-appoġġ għall-forzi armati tal-Bosnja-Ħerzegovina fil-qasam tat-taħriġ.

22. Fl-10 ta' Novembru, il-Kunsill wettaq evalwazzjoni tal-Operazzjoni ALTHEA u approva r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' kull sitt xhur tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli dwar din l-operazzjoni. Il-Kunsill esprima t-tħassib serju tiegħu fir-rigward tal-iżviluppi politiċi reċenti fil-Bosnja-Ħerzegovina. Madankollu, huwa nnota li minkejja sitwazzjoni politika diffiċli, is-sitwazzjoni tas-sigurtà baqgħet stabbli.

23. Fil-qafas tal-impenn globali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kunsill innota l-progress deċiżiv li kisbet l-Operazzjoni ALTHEA biex twettaq il-mandat tagħha, u partikolarment il-kisba tal-kompiti militari u ta' stabbilizzazzjoni previsti fil-Ftehim ta' Dayton-Pariġi. Għalhekk, il-Kunsill ikkunsidra li għandha titkompla l-ħidma preparatorja għal evoluzzjoni possibbli tal-operazzjoni, filwaqt li jittieħed kont tar-rwol futur tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea.

24. Ir-riżultat ta' din il-ħidma preparatorja ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill f'Marzu 2009, sabiex dan ikun jista' jiddeċiedi dwar il-futur tal-operazzjoni hekk kif jintlaħqu l-kondizzjonijiet. L-evoluzzjoni tal-Operazzjoni ALTHEA għandha tieħu kont tal-iżviluppi politiċi.

25. Il-Kunsill innota li l-kooperazzjoni man-NATO fir-rigward tal-Operazzjoni ALTHEA qed tkompli tiffunzjona tajjeb.

EULEX Kosovo

26. Il-missjoni **EULEX Kosovo** kompliet l-iskjerament u t-tħejjijiet tagħha għat-teħid ta' responsabbiltà operattiva, skont id-dispożizzjonijiet tar-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-12 ta' Ġunju u tal-24 ta' Novembru 2008. Ir-rapport tal-24 ta' Novembru ntlaqa' tajjeb bid-dikjarazzjoni Presidenzjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tas-26 ta' Novembru 2008. Il-missjoni laħqet il-kapaċità operattiva inizjali tagħha fit-2 ta' Diċembru 2008. B'1600 persunal skjerat, din ser tibda l-operazzjonijiet tagħha fil-jiem li ġejjin.

27. F'dan il-qafas, il-missjoni ser tkun f'pożizzjoni li tibda l-implimentazzjoni operattiva tal-mandat tagħha li huwa li tiżgura, madwar il-Kosovo u fil-qafas tar-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, iż-żamma u l-promozzjoni tal-Istat tad-Dritt.

28. F'konformità mal-mandat tagħha stabbilit fl-Azzjoni Konġunta adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Frar 2008, il-missjoni EULEX ser taġixxi fi tliet oqsma ċentrali: il-pulizija, il-ġustizzja u d-dwana. F'dawn l-oqsma, l-azzjoni ta' EULEX Kosovo ser tikkonsisti fil-monitoraġġ, l-iggwidar u l-konsulenza tal-istituzzjonijiet kompetenti tal-Kosovo, filwaqt li tassumi ċerti responsabbiltajiet eżekuttivi. EULEX Kosovo ser tiżgura li l-kwistjonijiet dwar ir-reati tal-gwerra, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, ir-reati inter-etniċi, ir-reati finanzjarji jew ekonomiċi u reati serji jkunu soġġetti b'mod debitu għal investigazzjonijiet, infurzar, deċiżjonijiet ġudizzjarji u sanzjonijiet f'konformità mal-liġi applikabbli, inkluż, fejn meħtieġ, permezz tal-intervenzjoni ta' investigaturi, prosekuturi u imħallfin internazzjonali.

EULEX ser tikkontribwixxi biex tiżgura li s-servizzi kollha responsabbli għaż-żamma tal-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, inkluż id-dwana, jkunu ħielsa minn kwalunkwe interferenza politika. EULEX ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni matul il-proċess ġudizzjarju, b'mod partikolari fil-qasam tal-kriminalità organizzata. EULEX ser tkun f'pożizzjoni li tikkontribwixxi għaż-żamma tal-ordni u s-sigurtà pubbliċi fil-Kosovo, f'kooperazzjoni mal-atturi lokali u internazzjonali kkonċernati.

Missjoni tal-puliżija tal-UE fil-Bosnja-Ħerzegovina (EUPM)

29. Il-**Missjoni tal-Pulizija tal-UE fil-Bosnja-Ħerzegovina (EUPM)** kompliet tippromwovi u tappoġġa r-riforma tas-servizzi tal-puliżija fil-Bosnja-Ħerzegovina. Il-missjoni kkonċentrat fuq l-appoġġ lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina għall-implimentazzjoni taż-żewġ liġijiet adottati f'April 2008, li jirriformaw il-forzi tal-pulizija. L-EUPM kompliet l-azzjoni tagħha għat-tisħiħ konkret tal-kapaċitajiet fil-livell tal-istat u għall-armonizzazzjoni fil-pajjiż kollu tal-liġijiet kollha relatati mas-servizzi tal-infurzar tal-liġi u mal-uffiċjali tal-pulizija.

30. Bl-appoġġ tal-EUPM, l-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni (SIPA) għamlet progress sostanzjali fl-istabbiliment ta' arranġamenti ta' pulizija sostenibbli biex jiġġieldu n-networks tal-kriminalità organizzata u jressqu quddiem il-ġustizzja l-persuni prinċipali li allegatament huma involuti f'reati kriminali serji. L-EUPM saħħet ukoll l-azzjoni tagħha fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata billi għenet fl-analiżi fid-dettall tar-reati, permezz ta' tekniki ta' investigazzjoni avvanzati u l-attività ta' informazzjoni u billi organizzat kampanja kbira ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni.

31. L-EUPM kompliet l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, u b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-prokuraturi.

32. L-EUPM offriet l-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet tal-Bosnja-Ħerzegovina għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' ġestjoni tal-fruntieri u ta' ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, li huma elementi importanti fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

33. Fl-1 ta' Novembru 2008, Stefan Feller laħaq suċċessur ta' Vincenzo Coppola bħala Kap tal-Missjoni.

**Asja**

EUPOL AFGHANISTAN

34. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fl-Afganistan **(EUPOL Afghanistan)** kompliet timplimenta attivament il-mandat tagħha, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet ta' monitoraġġ, ta' gwida, ta' konsulenza u ta' taħriġ, fil-livelli kollha tal-linja ta' kmand tal-pulizija Afgana.

35. Il-missjoni laħqet il-kapaċità operattiva sħiħa tagħha. Hija insedjata f'Kabul u f'xi ħmistax-il provinċja Afgana, b'mod partikolari fil-Gruppi Provinċjali ta' Rikostruzzjoni u fil-Kmandi Reġjonali. Il-missjoni għamlet kull sforz biex l-azzjoni tagħha tkun aktar koerenti fuq it-territorju Afgan kollu.

36. Il-missjoni kkontribwiet b'mod attiv għall-ħidma u r-riflessjoni dwar ir-riforma tal-Ministeru tal-Intern u tal-Pulizija, b'mod partikolari fil-qafas tat-tfassil ta' *Viżjoni għall-pulizija Afgana* żviluppata fil-qafas tal-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ (‘Joint Coordination and Monitoring Board’), kif ukoll fil-qasam tar-ristrutturazzjoni tal-Ministeru tal-Intern. Il-missjoni ħadmet ħafna wkoll b'mod partikolari fuq ir-rabtiet bejn il-pulizija u l-ġustizzja, kif ukoll fl-oqsma tal-istħarriġ kriminali u tal-ġestjoni tal-fruntieri.

37. Fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha, b'mod parallel mal-azzjonijiet Komunitarji, il-missjoni għamlet bosta sforzi biex tikkoordina mal-imsieħba internazzjonali tagħha, b'mod partikolari l-UNAMA u l-Istati Uniti, fil-qafas tal-Bord Internazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Pulizija (IPCB). Issaħħet il-koordinazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' "gruppi ta' proġetti integrati" flimkien mal-imsieħba Amerikani. Il-missjoni kompliet tappoġġa l-funzjonament tas-Segretarjat tal-IPCB billi qiegħdet għad-dispożizzjoni tiegħu persunal u finanzjament.

38. Id-deċiżjoni li t-truppi tal-missjoni jiġu rduppjati biex dawn ikunu jistgħu jilħqu l-400 persuna fuq il-post ser tiġi implimentata progressivament minn Diċembru 2008. Dan ser jippermetti lill-missjoni, abbażi ta' mandat imġedded, li ssaħħaħ l-azzjoni tagħha ta' appoġġ lill-pulizija nazzjonali Afgana.

39. Fis-16 ta' Ottubru 2008 Kai Vittrup laħaq suċċessur ta' Jürgen Scholz bħala Kap tal-Missjoni.

## Kawkasu tan-Nofsinhar u Ewropa tal-Lvant

### EUMM Georgia

40. Il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta dwar il-**Missjoni ta' Osservazzjoni EUMM fil-Ġeorġja (EUMM Georgia)** fil-15 ta' Settembru 2008 għal perijodu ta' sena. It-tnedija saret skont l-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' waqfien mill-ġlied tat-12 ta' Awwissu, iffirmat mill-partijiet fit-8 ta' Settembru. L-osservaturi tal-UE ġew skjerati u bdew l-attivitajiet tagħhom ta' osservazzjoni, mill-1 ta' Ottubru, b'mod partikolari fiż-żoni li jmissu mal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar. Fl-10 ta' Novembru l-Kunsill irriafferma d-determinazzjoni tiegħu li l-missjoni timplimenta bis-sħiħ il-mandat tagħha fil-Ġeorġja.

41. F'Ottubru u Novembru, il-missjoni wettqet aktar minn 500 pattulja, bil-lejl u bi nhar. Madankollu, l-inċidenti frekwenti kemm fuq in-naħa tal-Abkażja kif ukoll fuq in-naħa tal-Ossezja tan-Nofsinhar, ifakkru li s-sitwazzjoni għadha instabbli u li s-sigurtà tal-osservaturi tibqa' prijorità.

42. F'konformità mal-mandat tagħha, il-missjoni tinvolvi ruħha fuq il-post għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' prevenzjoni u ta' riżoluzzjoni tal-konflitti. L-EUMM tikoordina mal-azzjonijiet tal-Komunità Ewropea u tikkomplementa dawk ta' atturi internazzjonali oħra fil-post, b'mod partikolari n-NU u l-OSKE.

Grupp ta' Appoġġ għall-Kontroll tal-Fruntieri fil-Ġeorġja

43. Issuktaw l-attivitajiet tal-Grupp ta' Appoġġ għall-kontroll tal-Fruntieri fil-Ġeorġja, fl-Uffiċju tar-RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar. Il-Grupp kompla jgħin fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-ġestjoni tal-fruntieri, f'konformità mal-Qasam Prijoritarju 4 elenkat fil-Pjan ta' Azzjoni stabbilit mill-UE u l-Ġeorġja fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. L-awtoritajiet tal-Ġeorġja talbu li jkompli l-mandat tal-Grupp ta' Appoġġ għall-kontroll tal-Fruntieri fl-2009.

EUBAM Moldova-Ukraina

44. Il-**Missjoni tal-UE ta' Assistenza tal-Fruntieri bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM Moldova-Ukraina)** immexxija taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ewropea u komposta fil-biċċa l-kbira minn esperti ssekondati mill-Istati Membri tal-UE kompliet l-attivitajiet tagħha. EUBAM Moldova-Ukraina tagħti għajnuna lill-gvern tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Ukraina fl-oqsma bħal tal-fruntieri, il-kwistjonijiet doganali u fiskali, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' sorveljanza.

**Il-Lvant Qrib u Nofsani**

EUPOL COPPS

45. Il-**missjoni tal-Pulizija tal-UE għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)** żviluppat l-azzjonijiet tagħha bl-għan li tgħin lill-pulizija ċivili Palestinjana fl-istabbiliment ta' arranġamenti tal-pulizija sostenibbli u effettivi.

46. Il-missjoni tat bidu għall-istabbiliment tat-taqsima tagħha dwar l-Istat tad-Dritt biex tagħti appoġġ lis-settur tal-ġustizzja Palestinjan. Hija bdiet l-iskjerament tal-persunal ġdid tagħha f'Settembru biex tilħaq madwar 50 membru tal-persunal skjerat. Il-missjoni bdiet tfassal l-istrateġija ta' appoġġ tagħha lill-qrati Palestinjani u lis-settur penitenzjarju. Dan id-dokument għandu jiġi ffinalizzat fil-bidu tal-2009. B'mod parallel, il-Kunsill beda l-ħdima għall-estensjoni tal-mandat tal-missjoni sa tmiem l-2010.

47. L-UE wettqet ukoll ħidma ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Awtorità Palestinjana biex issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-istat tad-dritt fit-Territorji Palestinjani. B'segwitu għall-iskjerament ta' missjoni tat-tiftix tal-fatti f'Ġunju 2008, tnedew valutazzjonijiet supplementari fil-post bil-ħsieb ta' espansjoni possibbli tal-mandat tal-EUPOL COPPS fil-bidu tal-2009, kif ukoll azzjonijiet imsaħħa tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fil-qafas tat-twettiq tal-Istrateġija ta' Azzjoni tal-UE.

<u>EUBAM Rafah</u>

48. Il-**Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah)** issospendiet l-operazzjonijiet tagħha wara l-għeluq tal-punt ta' qsim ta' Rafah meta l-Ħamas ħadet il-kontroll ta' Gaza f'Ġunju 2007, filwaqt li żammet il-kapaċità operattiva tagħha li tiskjera mill-ġdid fi żmien qasir.

49. Il-Kunsill tenna l-impenn tiegħu għall-Missjoni EUBAM Rafah, għall-ftehimiet konklużi u għar-reġjun, u b'mod partikolari għall-popolazzjoni ta' Gaza. Huwa ssottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-Aċċess u l-Moviment mill-partijiet kollha. L-Unjoni għadha lesta, kif kienet impenjat ruħha, li tiskjera mill-ġdid il-persunal tagħha fil-punt ta' qsim ta' Rafah hekk kif il-kondizzjonijiet ikunu jippermettu. Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta Azzjoni Konġunta li testendi l-mandat tal-missjoni sa Novembru 2009.

50. Fil-25 ta' Novembru 2008 Alain Faugeras laħaq suċċessur ta' Pietro Pistolese bħala Kap tal-Missjoni.

EUJUST LEX

51. Il-Missjoni Integrata tal-UE tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq **(EUJUST LEX)** kompliet l-attivitajiet tagħha ta' appoġġ għat-taħriġ mogħti mill-Istati Membri għad-diriġenti tas-servizzi tal-pulizija, il-prokuraturi, l-imħallfin u d-diretturi tal-ħabs. S'issa, il-missjoni ffaċilitat it-taħriġ ta' aktar minn 1800 uffiċjal Iraqqin ta' livell għoli.

52. Inbdiet ħidma fuq l-impenn imġedded tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt permezz tal-assistenza Komunitarja, il-missjoni PESD u programmi tal-Istati Membri, abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-qasam tal-ġustizzja u tal-Istat tad-Dritt fl-Iraq.

53. B'mod partikolari, l-UE qablet li testendi u ssaħħaħ il-mandat tal-EUJUST LEX minn Ġunju 2009, b'hekk il-missjoni jkollha l-possibbiltà li twettaq attivitajiet pilota fit-territorji Iraqqin, fejn il-kondizzjonijiet tas-sigurtà jippermettu.

54. L-azzjonijiet pilota jirrigwardaw il-konsolidazzjoni tal-attivitajiet mibdija, l-attivitajiet ta' taħriġ fit-territorju Iraqi u l-attivitajiet ta' konsulenza strateġika, filwaqt li jitkomplew l-attivitajiet immexxija fl-Istati Membri.

## II. TAGĦLIM MIKSUB

55. Fl-10 ta' Novembru l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta **linji gwida għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim miksub u l-aħjar prattiki** tal-missjonijiet ċivili tal-PESD. Ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet non-governattivi qasmu l-esperjenza tagħhom bil-ħsieb li jitfasslu dawn il-linji gwida.

Dawn il-linji gwida għandhom jippermettu monitoraġġ sistematiku għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim miksub, kif ukoll il-ħolqien ta' ċiklu ta' tagħlim istituzzjonali fejn it-tagħlim identifikat jinbidel fl-aħjar prattiki. Din is-sistema l-ġdida ser tiġi implimentata progressivament fl-2008 u l-2009. B'mod simili, ġie miftiehem rapport ta' identifikazzjoni tat-tagħlim miksub wara tmiem il-missjoni EUPOL Kinshasa.

## III. KAPAĊITAJIET

### (a) Kapaċitajiet Ċivili

56. F'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni tal-**Objettiv Primarju 2010**, fit-tieni semester 2008 l-proċess ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ċivili ffoka fuq l-istabbiliment ta' **Għażla Strateġika Ċivili** (abbażi ta' xenarju pilota deskrittiv komuni stabbilit fl-ewwel nofs tal-2008, xenarju li jista' jappoġġa l-proċess ta' żvilupp tal-kapaċitajiet kemm ċivili kif ukoll militari tal-PESD, b'kont meħud tal-kapaċitajiet tal-Komunità Ewropea f'dan il-qasam).

57. Din l-Għażla Strateġika Ċivili serviet ta' bażi biex titfassal lista **tal-kapaċitajiet meħtieġa**, ibbażata fuq il-ħtiġijiet ta' persunal. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill nieda studju tal-possibbiltajiet ta' tqegħid għad-dispożizzjoni, mill-Istati Membri, tal-esperti meħtieġa. B'mod parallel, l-Istati Membri ġew mistiedna jikkonfermaw, għal darb'oħra, jew jimmodifikaw l-indikazzjonijiet rigward il-possibbiltajiet ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal ċivili għal missjonijiet tal-PESD li kienu taw għall-Objettiv Globali ta' Kapaċità 2008.

58. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kompla jiffinalizza l-**għodda ta' ġestjoni tal-kapaċitajiet ċivili**, b'mod partikolari programm tas-software speċifiku li jinkludi diversi moduli interkonnessi f'sit Internet sigur.

59. Fil-qasam tal-**appoġġ għall-missjonijiet**, qed tkompli l-implimentazzjoni ta' programm ta' ħidma globali ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet (traffic light). It-tagħlim li ser jinkiseb mill-iskjerament rapidu tal-missjoni fil-Ġeorġja ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ħidma mwettqa.

60. Fil-qasam tar-**riżorsi umani,** il-workshops tal-esperti stabbiliti fis-sajf tal-2008 fil-qafas tal-"Pjan ta' Azzjoni dwar ir-riżorsi umani tal-missjonijiet ċivili tal-PESD" qed jaħdmu fuq il-ħtiġijiet li għalihom għandu jwieġeb dan il-persunal kif ukoll fuq il-proċeduri ta' ġenerazzjoni tal-forzi u ta' skjerament. Ir-rapport finali, previst għax-xitwa 2009, ser jiżgura approċċ standard u diffużjoni tal-aħjar prattiki. Issuktat il-pubblikazzjoni tal-appelli għal kontributi tal-missjonijiet tal-PESD għas-siti tal-Internet tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-missjonijiet (pereżempju, f'kuntest ta' skjerament rapidu, għar-reklutaġġ ta' persunal ta' appoġġ fil-missjoni EUMM Georgia). Fl-aħħarnett, saret reviżjoni tal-"linji gwida dwar l-allowances ta' kuljum applikabbli għall-persunal ċivili tal-PESD" biex tiġi adattata s-sistema ta' allowances fis-seħħ.

61. Rigward l-**iskwadri ta' rispons ċivili (CRT)**, fis-sajf tal-2008 ġie konkluż l-istabbiliment ta' grupp ta' 100 espert li kien mibdi fi tmien l-2007. Il-ħames taħriġ ta' introduzzjoni organizzat għall-iskwadri ta' rispons ċivili sar f'Ottubru 2008 bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea. Diġà ġiet issottolinjata l-ħtieġa li jiżdied in-numru ta' esperti fl-oqsma tal-finanzi u l-akkwisti. Qed ikomplu l-isforzi biex jitħarrġu l-membri tas-CRT, biex ikunu mgħammra bl-għodod ta' ħidma adegwati u biex jiġi ffaċilitat l-iskjerament rapidu tagħhom. Fit-tieni semester tal-2008, ġiet skjetata fil-Ġeorġja skwadra ta' rispons ċivili li kienet magħmula minn 7 persuni.

62. Il-kunċett ta' **miżuri preparatorji** (u skwadri preparatorji fil-kuntest tal-linja tal-baġit tal-Miżuri Preparatorji fil-baġit tal-PESK, li għadha qed tiġi mfassla) ġie ppruvat fil-każ tal-ippjanar tal-EUMM Georgia. Din l-esperjenza enfasizzat l-importanza li jiġi skjerat numru biżżejjed ta' esperti fl-amministrazzjoni kif ukoll il-ħtieġa li jkun hemm strument li jippermetti l-akkwisti għall-missjoni futura matul il-perijodu preparatorju. It-tagħlim miksub ser jittieħed f'kont fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kummissjoni Ewropea dwar din il-linja baġitarja fl-2009.

63. Fil-qasam tal-**loġistika**, ġie stabbilit dokument qafas dwar il-missjonijiet ċivili tal-PESD sabiex jingħataw bażijiet komuni għall-missjonijiet kollha. Qed jiġi ffinalizzat manwal loġistiku dettaljat li jkopri l-proċeduri kollha meħtieġa.

64. Rigward l-**awwkisti,** qed titkompla l-konklużjoni ta' kuntratti qafas biex jiġi stabbilit katalogu adatt tal-kuntratti. Il-kuntratt qafas dwar il-vetturi off-road, stabbilit fir-rebbiegħa 2008, għandu rwol ewlieni fit-tagħmir tal-EULEX Kosovo filwaqt li dak dwar il-vetturi bindati qed jiffaċċja ċerti diffikultajiet fl-implimentazzjoni tiegħu. Bħalissa għaddejjin l-proċeduri kuntrattwali għall-assigurazzjoni kif ukoll is-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Fil-futur, il-katalogu għandu jiġi kkompletat bil-kuntratti qafas fil-qasam mediku. Minbarra dan il-katalogu, qed isir studju dwar l-għażliet possibbli ta' ħażna tat-tagħmir biex jiġu ffaċċjati s-sitwazzjonijiet ta' skjerament immedjat.

65. It-taħriġ fl-akkwisti u finanzi tal-esperti tal-missjonijiet tal-PESD u tas-CRT qed ikompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-persunal tal-PESD f'dawn l-oqsma speċjalizzati. Fl-istess ħin ġew stabbiliti għodod komuni, b'mod partikolari bażi tad-data teknika biex jitħejjew is-sejħiet għall-offerti. Ġie ukoll previst mill-Kummissjoni Ewropea appoġġ imsaħħaħ bl-iskjerament ta' espert itineranti ddedikat għall-missjonijiet ċivili.

66. Bħalissa qed jitfassal mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea **manwal** prattiku ta' appoġġ li ser jiġi ċċirkolat fil-missjonijiet permezz ta' sit elettroniku sigur. Ġiet stabbilita sistema ta' trasmissjoni tar-rapporti amministrattivi tal-missjonijiet lejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-iżviluppi kollha ser jippermettu progress posibbli għal deċentralizzazzjoni tas-setgħat ta' finanzjament lejn il-Kapijiet tal-Missjoni.

67. F'ħidma ulterjuri fuq il-kapaċitajiet ċivili, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea endorsja l-"**Impenji meħuda mill-Ministri għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili**" kif ukoll **rapport ta' progress** dwar l-implimentazzjoni tal-Objettiv Primarju Ċivili 2010 l-ġdid.

68. Fl-10 ta' Novembru l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea nnota d-dikjarazzjoni dwar il-kapaċità operattiva sħiħa tal-**Kapaċità ta' Sorveljanza** u tal-**Kapaċità tal-Ippjanar u t-Tmexxija tal-Operazzjonijiet Ċivili**, f'Awwissu u f'Novembru 2008 rispettivament.

**(b) Kapaċitajiet militari (inklużi proġetti ta' kapaċità żviluppati fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża)**

69. Fil-qafas tal-Objettiv Primarju 2010, tħabbru kontributi ġodda għall-**Katalogu tal-Forza** mill-Istati Membri, li qed jiġu analizzati. Dawn ser jittieħdu f'kont f'verżjoni ġdida tal-Katalogu tal-Forza li ser jitfassal matul l-ewwel nofs tal-2009. L-EUMC nieda ħidma dwar it-tfassil ta' metodoloġija li tippermetti li jitkejjel il-progress imwettaq fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

70. Il-**Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet**, li l-verżjoni inizjali tiegħu kif ukoll l-ewwel sensiela ta' azzjonijiet prioritarji ġew approvati mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) f'Lulju li għadda, ser jippermetti lill-Istati Membri biex jorjentaw l-isforzi kapaċitarji tagħhom f'oqsma mhux kompluti tal-kapaċità operattiva tal-Unjoni Ewropea.

71. Permezz tal-"Impenji tal-Ministri tad-Difiża għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Militari", diġà saru sforzi sostanzjali biex isir kontribut, b'inizjattivi konkreti u operattivi, għar-riżoluzzjoni tan-nuqqasijiet u b'hekk għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea:

Projezzjoni tal-forzi

72. Sensiela ta' inizjattivi mnedija f'konfirgurazzjonijiet varjabbli għandhom jippermettu lill-Istati Membri kkonċernati jiżguraw **projezzjoni aħjar tal-forzi tagħhom fil-positjiet ta' intervent esterni:**

it-tħejjijet bil-ħsieb tal-istabbiliment ta' flotta Ewropea tat-trasport bl-ajru, (l-iffirmar minn 12-il Stat Membru ta' Dikjarazzjoni ta' Intendiment), l-istabbiliment ta' unità multinazzjonali A400M (l-iffirmar minn erba' Stati Membri ta' Dikjarazzjoni ta' Intendiment), l-istabbiliment futur ta' kmand Ewropew tat-trasport bl-ajru, mibdija minn diversi Stati Membri. Fl-aħħarnett, il-projezzjoni ta' bażi tal-ajru matul l-eżerċizzju nazzjonali BAPEX għandha tkun eżempju tal-iskjerament ta' bażi tal-ajru għal forza Ewropea.

73. **L-Inizjattiva ta' Interoperabbiltà Ajrunavali Ewropea**, ibbażata fuq ittra ta' intendiment iffirmata minn 9 Stati Membri, għandha twassal għal interoperabbiltà aħjar tal-qawwiet navali Ewropej u tal-gruppi tal-ajru abbord u ttejjeb l-effikaċja tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tan-NATO.

74. Bil-ħsieb ta' titjib tal-**iskjerament tal-ħelikopters** fil-qafas ta' operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet, inkluż dawk tal-UE, il-Bord ta' Tmexxija tal-EDA approva pjan direzzjonali bil-ħsieb li fl-2010 jitnieda l-programm ta' taħriġ tattiku għall-bdoti tal-ħelikopters u l-EDA nediet ħidma fil-qasam tal-manutenzjoni tal-ħelikopters, li l-ewwel riżultati tagħha għandhom jiġu ppreżentati fir-rebbiegħa 2009. Ġie stabbilit fond multinazzjonali għall-ħelikopters. Dan għandu jippermetti li jiġu ffinanzjati inizjattivi, inklużi proġetti mmexxija fil-qafas tal-EDA jew in-NATO, relatati mat-taħriġ tal-bdoti u l-ekwipaġġi, kif ukoll għall-manutenzjoni tal-ħelikopters. L-intenzjoni li jiġi ttrasferit il-proġett Franko-Ġermaniż dwar il-ħelikopter futur tat-trasport lill-EDA ġiet ikkonfermata mill-Ġermanja u minn Franza.

Spazju

75. Il-ġejjieni tal-kapaċità ta' osservazzjoni spazjali tal-Unjoni Ewropea jrid jiġi żgurat.

76. Ġiet iffirmata ittra ta' intendiment minn 5 Stati Membri, li kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jikkooperaw fil-qafas tal-proġett MUSIS u li jinvolvu l-EDA fil-qafas ta' proġett ad hoc.

77. L-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-EDA qed jaħdmu, fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom rispettivi, għat-tisħiħ tal-kapaċità Ewropea għal sorveljanza tal-ispazju.

78. Fl-aħħarnett, saru sforzi sostanzjali biex jiġi ffaċilitat t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ritratti satellitari li joriġinaw mill-gvernijiet għall-benefiċċju taċ-ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea. Din l-inizjattiva għandha ttejjeb il-kapaċità ta' analiżi tal-Unjoni għat-twettiq tal-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-maniġġar ta' kriżijiet tal-PESD.

<u>Settur marittimu</u>

79. Għandhom jittejbu l-kapaċitajiet Ewropej ta' **sorveljanza marittima**, b'mod partikolari bis-saħħa tal-inizjattivi tal-EDA, l-aktar il-proġett ad hoc dwar il-vettura tal-ajru mingħajr pilota futura (bil-parteċipazzjoni ta' 7 Stati Membri), u l-ħidma fuq l-istabbiliment ta' netwerk tas-sistemi Ewropej ta' sorveljanza marittima militari.

80. Ser isiru sforzi importanti fil-qasam tat-tneħħija tal-mini tal-baħar permezz tat-tnedija ta' proġett ad hoc fil-qafas tal-EDA minn 10 Stati Membri (kif ukoll in-Norveġja).

<u>Protezzjoni tal-forzi</u>

81. Sar progress fil-qafas tal-EDA bil-ħsieb tat-tnedija fl-2009 ta' programm għat-titjib u l-iżvilupp tat-tagħmir għall-ġlieda kontra l-aġenti bijoloġiċi.

<u>Komunikazzjonijiet</u>

82. Għaddejja ħidma fuq l-istabbiliment ta' sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħas-sistema EU OPSWAN (*Operations Wide Area Network*), li tikkollega lil Brussell, l-Istati Maġġuri operattivi tal-Unjoni Ewropea pprovduti mill-Istati Membri u l-entitajiet ikkonċernati bħaċ-Ċentri Satellitari.

**Reazzjoni Rapida**

83. Ir-reviżjoni tal-kunċett ta' reazzjoni rapida militari għandha tiġi konkluża mill-iktar fis possibbli. Din ser tieħu kont tal-progress li sar mill-2003: it-tfassil fl-2006 tal-kunċett tal-Gruppi ta' Battalja, it-tfassil fl-2007 tal-Kunċetti ta' Rispons Rapidu Marittimu u Rispons Rapidu bl-Ajru. Il-ħidma ser iżżomm livell għoli ta' ambizzjoni fil-qasam tar-reazzjoni rapida sa mill-fażi tal-ippjanar.

84. Saru avvanzi fl-implimentazzjoni tal-kunċetti ta' Rispons Rapidu Marittimu u Rispons Rapidu bl-Ajru: waqt konferenzi ta' informazzjoni dwar ir-Rispons Rapidu Marittimu u r-Rispons Rapidu bl-Ajru li saru f'Ottubru, l-Istati Membri rrevedew il-mezzi u l-kapaċitajiet li huma ddikjaraw għall-2009 u ppreżentaw dikjarazzjonijiet indikattivi għall-2010 u lil hinn.

85. Waqt il-Konferenza dwar il-Koordinazzjoni tal-Gruppi ta' Battalja li saret f'Ottubru, l-Istati Membri mpenjaw ruħhom b'mod estensiv, li jipprovdu n-numru meħtieġ tal-Gruppi ta' Battalja sal-ewwel nofs tal-2011. F'Lulju tlesta Manwal Ġeneriku Preparatorju tal-Gruppi ta' Battalja; dan ser jintuża mill-Istati Membri li jixtiequ għat-tħejjija tal-Gruppi ta' Battalja qabel il-perijodu ta' allert tagħhom. Dan id-dokument huwa tali li jippermetti armonizzazzjoni tal-ippjanar u tat-taħriġ tal-Gruppi ta' Battalja, u għaldaqstant, interoperabbiltà aħjar tal-forzi tal-Istati Membri.

**Forzi multinazzjonali Ewropej**

86. Il-forzi multinazzjonali jirrappreżentaw potenzjal qawwi għall-kapaċita ta' azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea. Għaddejja ħidma sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-forzi multinazzjonali Ewropej għall-operazzjonijiet tal-PESD.

87. L-ewwel stadju, fl-istudju, jikkonsisti fl-identifikazzjoni tar-rieda tal-Istati Membri li jiffaċilitaw l-użu ta' dawn il-forzi fil-qafas tal-PESD.

**Evakwazzjoni taċ-ċittadini**

88. Qed jiġu eżaminati l-kwistjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-mezzi militari fil-qafas ipprovdut mill-kunċett ta' Stat Mexxej konsulari.

**Organizzazzjoni tal-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS)**

89. Mill-1 ta' Awwissu 2008, qed isir użu sħiħ mill-Kapaċità ta' Sorveljanza tal-Unjoni Ewropea. Din il-kapaċità għandha tiżgura s-sorveljanza tal-operazzjonijiet u l-missjonijiet kollha tal-PESD.

90. Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill ħa nota tal-implimentazzjoni tal-miżuri li hu kien talab lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli jieħu f'Mejju 2007 b'segwitu għal-Laqgħa Ministerjali Informali ta' Wiesbaden, partikolarment it-titjib tal-ħiliet ta' dawk li jippjanaw, kif ukoll iż-żieda fil-persunal tal-EUMS, ir-ristrutturar temporanju u r-reviżjoni tal-mandat tiegħu.

91. Ir-ristrutturar tal-EUMS sar f'Marzu tal-2008. L-EUMS issa għandu grupp ta' persunal militari li jippjana li diġà ntużaw għall-appoġġ tal-ippjanar tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) u għall-ippjanar tal-operazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ATALANTA). It-taqsima l-ġdida ta' analiżi u ppjanar militari tal-Istat Maġġur għandha kif temmet il-perijodu ta' taħriġ tagħha. Barra minn hekk, il-kriterji ġodda ta' reklutaġġ aktar selettivi għandhom jippermettu, fil-perijodu medju, li titjieb il-kwalità tal-persunal tal-Istat Maġġur.

92. Il-Kunsill indika li ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu f'Mejju 2009, abbażi ta' rapport mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

**Proċess ta' tagħlim miksub**

93. L-Istat Maġġur kompla bl-iżvilupp tal-proċess ta' tagħlim miksub (ELPRO), li wera li kien għodda utli għall-ġestjoni tat-tagħlim miksub fil-qasam tal-attivitajiet militari. Il-bażi tad-data fiha bħalissa 455 lezzjoni rigward 8 tipi ta' attivitajiet militari (marbuta mal-operazzjonijiet, l-eżerċizzji u l-uppi ta' battalja Fosthom, 102 li ġejjin mil-lezzjonijiet reċenti miksuba minn EUFOR Tchad/RCA, MILEX08 u mill-Gruppi ta' Battalja Nordiku u HELBROC.

**(c) Aġenzija Ewropea għad-Difiża**

94. Fir-rapport tiegħu, il-Kap tal-Aġenzija ssottolinja l-progress sussegwenti li sar fil-konklużjoni tal-qafas strateġiku u l-implimentazzjoni tal-elementi li jikkostitwixxuh (il-COP u tliet strateġiji), kif ukoll fit-tħejjija, il-ġenerazzjoni u t-tnedija ta' proġetti u inizjattivi għal kooperazzjoni.

95. Il-qafas strateġiku Ewropew fil-perijodu fit-tul ġie kkompletat minn:

- il-verżjoni inizjali tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) approvata mill-Bord ta' Tmexxija f'Lulju, li ser tippermetti lill-Istati Membri jorjentaw l-isforzi kapaċitarji tagħhom. Intagħżlu tnax-il qasam ta' azzjoni prioritarji mill-Istati Membri;
- żewġ strateġiji oħrajn, dwar il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-armamenti Ewropej, min-naħa, u tar-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa, min-naħa l-oħra, adottati mill-Bord tat-Tmexxija rispettivament f'Ottubru u Novembru.

96. Inkisbu avvanzi konkreti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għat-tisħiħ tal-Bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (DTIB) (adottata f'Mejju tal-2007) b'mod partikolari:

(i) bl-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Kondotta dwar il-kumpens bil-ħsieb li jitnaqqsu l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-DTIB Ewropea; (ii) bil-ftehim dwar l-azzjonijiet speċifiċi ta' appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-fornituri mhux tradizzjonali; (iii) billi tkomplew b'mod inkoraġġanti l-isforzi favur il-ftuħ tas-swieq tad-difiża fl-Ewropa permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża.

97. Minbarra l-avvanzi miksuba fuq il-proġetti konkreti dwar il-kapaċità (ara hawn fuq), l-EDA kisbet progress sostanzjali dwar proġetti u inizjattivi speċifiċi:

- fil-qasam tan-navigabbiltà bl-ajru, il-ħolqien ta' forum tal-Unjoni Ewropea għall-awtoritajiet tan-navigabbiltà militari bl-ajru;
- l-appoġġ provisorju għall-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-intelligence;
- l-isforzi miżjuda ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u t-teknoloġija, bl-iffirmar tal-arranġament għall-programm ta' investiment konġunt ta' riċerka u teknoloġija tad-difiża dwar il-kunċetti innovattivi u t-teknoloġiji emerġenti, u t-tnedija ta' 8 proġetti fil-qafas tal-Programm ta' Investment Konġunt għall-protezzjoni tal-forzi.

98. L-EDA konpliet bl-isforzi tagħha biex tiggarantixxi l-komplimentarjetà tal-ħidma tagħha mal-Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Armamenti (OCCAR) u l-LoI, skont id-dispożizzjonijiet tal-Azzjoni Konġunta. Fid-"Dikjarazzjoni dwar il-Kooperazzjoni bejn l-EDA u l-OCCAR", il-Kunsill inkariga lill-EDA biex tħejji arranġament amministrattiv bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, li ser jippermetti l-istrutturar tar-relazzjoni bejn l-EDA u l-OCCAR. Il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet ser tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-proġetti kapaċitarji. L-EDA kompliet bl-isforzi tagħha biex tiżgura l-koerenza tal-ħidma tagħha man-NATO, skont id-dispożizzjonijiet tal-azzjoni konġunta. Barra minn hekk, l-EDA kkontribwiet b'mod sostanzjali għall-Grupp dwar il-Kapaċitajiet UE-NATO.

**Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB)**

99. L-Unjoni Ewropea għandha tkompli l-isforzi tagħha, inkluż fil-qafas Komunitarju u fl-EDA, biex ikollha EDTIB soda, kompetittiva u kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet kapaċitarji tal-Istati Membri u li tappoġġa l-PESD. Partikolarment, għandhom jiġu approfonditi l-kwistjonijiet dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-forniment, il-ftuħ tas-swieq nazzjonali u t-tisħiħ tal-linji ta' forniment, partikolarment permezz ta' azzjonijiet li jiffavorixxu l-SMEs.

## IV. KOORDINAZZJONI ĊIVILI-MILITARI

100. Il-Kunsill ħa nota tas-segwitu tal-ħidma relatata mal-ħtiġijiet fil-qasam tal-iskambji ta' informazzjoni fil-qafas definit mill-korpi preparatorji tal-Kunsill.

101. Il-Kunsill innota wkoll li qed jiġi eżaminat proġett ta' kunċett dwar il-Kapaċitajiet f'Netwerk fil-qafas tal-PESD fil-korpi adatti tal-Kunsill. L-iżvilupp tal-kunċett għandu jkun ibbażat fuq il-ħidma relatata mal-ħtiġijiet tal-iskambji ta' informazzjoni (Information Exchange Requirements jew IER).

102. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu l-ħsieb li jistabbilixxi struttura unika ta' ppjanar civili-militari fil-livell strateġiku għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PESD, bl-għan li jsaħħaħ il-koerenza ċivili-militari tal-impenni tagħna, li jikkostitwixxu valur miżjud speċifiku u mingħajr ekwivalenti tal-Unjoni Ewropea.

## V. ĊENTRU SATELLITARI TAL-UE

103. Minn issa 'l quddiem iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu aċċess iffaċilitat għal ritratti satellitari li joriġinaw mill-gvernijiet: Helios II, Cosmo-Skymed et SAR-Lupe. Dan l-aċċess ser isaħħaħ il-kwalita tal-prodotti tiegħu.

104. Iċ-Ċentru Satellitari tal-UE kompla jipprovdi prodotti analitiċi u servizzi ta' appoġġ għall-PESD u għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

105. B'mod partikolari, fl-appoġġ għall-EUFOR Tchad/RCA, kompliet il-kooperazzjoni effiċjenti bejn il-Kwartieri Ġenerali Operattivi f'Mont Valérien u l-EUSC. Din il-kooperazzjoni ġiet iffaċilitata minn arranġament ad hoc bejn l-imsieħba Helios bl-għan li jingħata aċċess għar-ritratti governattivi, li ser ikunu disponibbli f'qasir żmien.

106. Iċ-Ċentru Satellitari offra wkoll prodotti u analiżi b'appoġġ għall-missjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja.

107. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Satellitari joffri appoġġ lill-Kwartieri Ġenerali Operattivi f'Northwood għall-operazzjoni ATALANTA.

108. L-istabbiliment ta' netwerk sigur ta' komunikazzjoni EU OPSWAN ser jiffaċilita l-aċċess għall-prodotti taċ-ċentru satellitari, b'mod partikolari għall-kwartieri ġenerali operattivi tal-Unjoni Ewropea. L-stazzjon għall-isfruttar tar-ritratti tattici, li qed jiġi ppreżentat, ser jippermetti li tiġi rċevuta data minn sorsi differenti biex tiġi sfruttata u wżata fil-qafas ta' operazzjonijiet u missjonijiet tal-Unjoni.

109. Kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari fil-qafas tal-Missjoni tan-NU fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC).

110. L-EUSC kellu rwol attiv fil-qafas tal-Inizjattiva Ewropea għall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES). F'dan il-qafas, iċ-Ċentru pparteċipa fi proġetti ta' riċerka marbuta mal-aspett tas-sigurtà tal-GMES.

## VI. <u>ISTITUT TAL-UE GĦALL-ISTUDJI FUQ IS-SIGURTÀ</u>

111. L-Istitut tal-UE għall-Istudji fuq is-Sigurtà kompla d-diskussjonijiet kif ukoll il-ħidma tiegħu ta' riċerka u analiżi dwar il-kwistjonijiet ta' sigurtà.

L-Istitut ifforma punt fokali għall-iskambju akkademiku, in-netwerking u l-monitoraġġ tal-aġenda Ewropea ta' sigurtà kif ukoll grupp ta' riflessjoni li jipprovdi analiżi, pariri u suġġerimenti lil dawk li jfasslu l-politika Ewropea.

112. L-ISS organizza, f'kooperazzjoni ma' ċentri politiċi u ta' riċerka Ewropej oħra, sensiela ta' seminars dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, li kkontribwew għal fehim aħjar tal-avvanzi tal-Unjoni bħala attur internazzjonali u biex tiġi promossa Ewropa aktar b'saħħitha u aktar sigura. Fil-5 u s-6 ta' Ġunju 2006, f'Ruma, l-Istitut ikkoorganizza mal-Istituto Affari Internazionali seminar dwar l-UE u l-governanza globali, fis-27 u t-28 ta' Ġunju, f'Varsavja, maċ-Ċentru Ewropew Natolin, seminar dwar il-Viċinat Ewropew, fit-18 u d-19 ta' Settembru, f'Ħelsinki, mal-Finnish Institute of International Affairs u s-Swedish Institute of International Affairs, seminar dwar l-approċċ tal-UE dwar is-sigurtà internazzjonali. Id-dibattitu intemm bil-Forum ta' Pariġi dwar l-interessi u l-għażliet strateġiċi Ewropej, organizzat f'kooperazzjoni mal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

113. L-istitut organizza sensiela ta' seminars relatati b'mod partikolari mas-sigurtà fil-Lvant Nofsani, l-AQM, in-non proliferazzjoni u d-diżarm, fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2008, u dwar it-tisħiħ tal-PESD, fit-18 u d-19 ta' Settembru. Il-konferenza annwali saret fit-30-31 ta' Ottubru 2008, l-ewwel Forum UE-Washington, fl-20 u l-21 ta' Novembru. L-istitut, mill-15 sat-18 ta' Lulju, organizza flimkien mal-Fondazzjoni Ġeorġjana għas-Sigurtà u l-Istudji Internazzjonali, seminar dwar il-Ġeorġja u l-UE. L-ISS fl-aħħarnett ikkontribwixxa b'mod attiv għall-organizzazzjoni, mal-Istitut Ravand, fis-6 u 7 ta' Diċembru f'Teheran, seminar dwar l-Unjoni Ewropea u l-Iran, b'mod partikolari dwar il-politika barranija tal-Unjoni Ewropea u l-futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iran.

## VII. <u>RIFORMA TAS-SETTUR TAS-SIGURTÀ (SSR)</u>

114. Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà hija qasam importanti tal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea kif jixhdu diversi missjonijiet tal-PESD.

115. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-Kunsill approva, fl-10 ta' Novembru 2008, il-ħolqien ta' riżerva ta' esperti Ewropej fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, li ser tippermetti l-formazzjoni, skont il-bżonnijiet, ta' timijiet li jistgħu jiġu skjerati biex jipparteċipaw f'azzjonijiet ta' appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà f'pajjiżi msieħba. Il-missjonijiet u t-taħriġ li fihom ser jipparteċipaw dawn l-esperti għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' komunità ta' esperti Ewropej fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà.

116. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva għaddejja f'dan il-mument. Is-sitwazzjoni attwali ser tiġi ppreżentata lill-Istati Membri fil-bidu tal-2009.

117. Barra minn hekk, ġie koorganizzat kors pilota dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà minn Franza u l-Olanda, fl-Aja mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008, fil-qafas tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża.

118. Fit-12 ta' Settembru 2008 l-Presidenza Franċiża, f'kooperazzjoni man-netwerk Ewropew EPLO (European Peacebuilding Liaison Office) u ċ-Ċentru għar-Riforma Demokratika tal-Forzi Armati (DCAF), organizzat seminar fi Brussell dwar il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, rappreżentanti tas-CIVCOM, tal-GPM, tal-Gruppi CODEV u COAFR u diversi esperi mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili pparteċipaw fil-laqgħa.

## VIII. <u>DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U UGWALJANZA BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL</u>

119. Ġiet imfakkra l-importanza li jittieħed kont sistematiku, fl-ippjanar u t-twettiq tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PESD, tal-kwistjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi il-kwistjonijiet tat-tfal u n-nisa milquta minn konflitt armat, u tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PESD.

F'dan il-kuntest, ġiet enfasizzata l-ħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1325, 1612 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u għal parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PESD. Sar appell ukoll għal kooperazzjoni iżjed mill-qrib dwar dawn il-kwistjonijiet mar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE), li l-mandati tagħhom issa fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dan is-suġġett, kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea.

120. Fil-qafas tal-prijorità li tagħti għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, il-Presidenza Franċiża organizzat fl-10 ta' Ottubru 2008, f'kooperazzjoni mal-UNIFEM, konferenza dwar l-"Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU fil-missjonijiet tal-PESD: it-titjib tas-sigurtà immedjata u fil-perijodu fit-tul għan-nisa". Il-konferenza ffokat fuq eżempji konkreti tal-implimentazzjoni u l-interazzjoni bejn min jieħu d-deċiżjonijiet politiċi u l-persunal preżenti fuq il-post. Il-konferenza wasslet għal sensiela ta' konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet konkreti u operattivi għal azzjoni msaħħa tal-UE dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Abbażi ta' dan, it-testi rilevanti tal-Unjoni Ewropea ngħaqdu u ġew emendati fil-qafas ta' dokument ġdid bit-titolu 'Implementation of UNSCR 1325 and 1820 in the context of ESDP'. Dan id-dokument ġie approvat mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2008.

## IX. <u>PREVENZJONI TA' KONFLITTI</u>

121. Tkomplew l-isforzi biex tittejjeb il-kultura u l-istrateġija ta' prevenzjoni ta' konflitti. F'dan ir-rigward, il-Presidenza Franċiża tal-Unjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea u n-netwerk Ewropew EPLO (European Peacebuilding Liaison Office), appoġġat konferenza organizzata mill-Fondazzjoni Madariaga - Kulleġġ tal-Ewropa u l-Akademija Folke Bernadotte dwar "Il-Prevenzjoni tal-Konflitti u l-Ġlieda kontra t-Traffikar Illeċitu tal-Armi Żgħar u l-Armament Ħfief" (16-17 ta' Ottubru 2008, Brussell).

Dan is-seminar kien parti mill-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi u ppermetta aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-Ġlieda kontra s-SALW, adottata mill-Kunsill Ewropew fl-2005, f'assoċjazzjoni ma' rappreżentanti tal-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet sub-reġjonali oħra, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

122. Ġie miftiehem pjan ta' azzjoni għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri, fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti għall-perijodu 2009-2010.

## X. <u>VIŻIBBILTÀ TAL-PESD</u>

123. Matul it-tieni semester tal-2008, l-UE kompliet l-azzjonijiet tagħha bl-għan li tittejjeb il-viżibbiltà tal-PESD. Filwaqt li l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-maniġġar tal-kriżijiet qed jiżviluppaw u l-UE qed tieħu responsabbiltà dejjem akbar għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp paċifiku tar-reġjuni milquta minn konflitti madwar id-dinja, hemm ħtieġa ċara li tkompli tikkomunika b'mod effettiv l-objettivi u l-għanijiet tagħha lill-pubbliku ġenerali, lil min jieħu d-deċiżjonijiet u lill-partijiet interessati prinċipali. L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni mwettqa mis-Servizz tal-Istampa tal-Kunsill waqt it-tnedija ta' missjoni ta' osservazzjoni ċivili fil-Ġeorġja *[u ta' operazzjoni marittima 'l barra mix-xtut tas-Somalja]* enfasizzaw il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għal dawn l-isfidi. Kampanji ta' informazzjoni oħra ffukaw fuq avvenimenti ewlenin waqt il-funzjonament tal-operazzjonijiet. Il-PESD tkompli tqanqal interess kbir fost il-pubbliku.

## XI. <u>KOOPERAZZJONI MAL-ORGANIZZAZZJONIJIET NON-GOVERNATTIVI</u>

124. Sabiex jitjieb id-djalogu bejn l-NGOs u l-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-Presidenza stiednet lir-rappreżentanti tal-NGOs biex jipprovdu informazzjoni lill-membri tal-Kumitat għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet skont ir-Rakkomandazzjonijiet għat-Titjib tal-Kooperazzjoni mal-NGOs u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

125. Il-Presidenza organizzat ukoll żewġ seminars dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u dwar il-prevenzjoni tal-konflitti rispettivament, fi sħubija mal-NGOs u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## XII. KESD U TAĦRIĠ

126. Waqt li bbażа ruħu fuq l-Istudju dwar il-perspettivi futuri tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), li jissottolinja b'mod partikolari t-talba dejjem akbar għal taħriġ fil-qasam tal-PESD, indirizzata lill-Kulleġġ, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-KESD rrakkomanda titjib fil-funzjonament tal-Kulleġġ billi dan ikollu segretarjat akbar, baġit tiegħu u personalità ġuridika. [Il-Kunsill approva dawn ir-rakkomandazzjonijiet.]

127. Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill approva t-tnedija ta' inizjattiva Ewropea dwar l-iskambji ta' uffiċjali żgħażagħ, ispirata mill-Erasmus. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżviluppa l-iskambji bejn uffiċjali fl-istadju inizjali tal-formazzjoni tagħhom, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-forzi armati Ewropej li jaħdmu flimkien u l-interoperabbiltà tal-forzi. L-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva, li ser tiffaċilita l-iskambji bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ, ser issir fuq bażi nazzjonali u volontarja u ser tkun appoġġata mill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD).

128. F'Lulju 2008, ġiet approvata l-analiżi dwar il-ħtiġijiet ta' taħriġ fil-qasam tal-PESD. Din l-analiżi ġiet ippubblikata fuq is-sit internet tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża.

129. Matul l-aħħar semestru, il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża nieda s-sena akkademika 2008/2009 bil-Kors ta' Livell Għoli fil-PESD 2008/2009. Ġie stabbilit kors sperimentali ta' tagħlim b'distanza bl-Internet (IDL) għall-ewwel modulu tal-Kors ta' Livell Għoli. L-esperjenza kkonfermat il-potenzjal kbir li tista' toffri kapaċità fl-IDL fil-proċess ta' taħriġ.

130. Il-KESD organizza wkoll żewġ korsijiet ta' orjentazzjoni tal-PESD, bl-objettiv li jingħata għarfien ġenerali sod dwar il-PESD. Iż-żewġ korsijiet, ko-organizzati mal-Institut des hautes études de la défense national (IHEDN) Franċiż flimkien mal-Bundesakademie fur Sicherheitspolitik Ġermaniż, saru fi Brussell mill-15 sad-19 ta' Settembru u mill-24 sat-28 ta' Novembru 2008.

131. Flimkien mal-KESD, l-IHEDN organizza kors maħsub għal dawk responsabbli għal kwistjonijiet tal-istampa u l-informazzjoni pubblika (Press and Public Information) mis-17 sad-19 ta' Novembru 2008, bl-intenzjoni li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-PESD.

132. Barra minn hekk, il-KESD żviluppa tipi ġodda ta' attivitajiet ta' taħriġ. Mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008, ġie ko-organizzat fl-Aja kors pilota dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS). Diversi Stati Membri wrew l-intenzjoni tagħhom li jorganizzaw kors ġdid dwar ir-RSS fl-2009. Barra minn hekk, mid-29 sal-31 ta' Ottubru 2008, ġie organizzat f'Ruma, flimkien mal-Centro Alti Studi Difesa Taljan, seminar dwar il-Leadership u t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESD. Fl-aħħarnett, ġie ko-organizzat kors dwar il-proċess ta' ppjanar għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-maniġġar ta' kriżijiet tal-PESD fi Brussell mit-3 sal-5 ta' Diċembru 2008.

133. Fit-total, il-KESD ipprovda taħriġ lil 1543 persuna minn mindu ġie stabbilit fl-2005.

134. Matul ix-xahar ta' Novembru, saret fi Franza, fis-Centre national d'entraînement des forces de gendarmerie f'Saint-Astier, it-tieni sessjoni tal-programm għat-taħriġ operattiv ta' esperti fil-qasam tal-pulizija mitluba jiġu skjerati f'missjonijiet internazzjonali, inkluż tan-Nazzjonijiet Uniti, kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea taħt l-Istrument ta' Stabbiltà. Madwar 300 persuna ġejja minn 20 forza tal-pulizija u 18-il Stat Membru ħadu sehem f'din is-sessjoni.

## XIII. EŻERĊIZZJI

135. It-tmexxija tat-tieni eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-Unjoni Ewropea CME 08, [li twettaq b'suċċess,] ippermettta li jsir l-ippjanar simultanju u kkoordinat ta' operazzjoni militari u ta' missjoni ċivili impenjati fl-istess post ta' intervent. L-eżerċizzju, li twettaq mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru, involva b'mod partikolari l-Kwartieri Ġenerali Operattivi Ewropej f'Mont-Valérien, impenjat ukoll fit-tmexxija tal-operazzjoni EUFOR Tchad/RCA, kif ukoll il-Kapaċità tal-Ippjanar u t-Tmexxija Ċivili (CPCC).

136. It-tielet eżerċizzju militari tal-Unjoni Ewropea (MILEX 08) twettaq b'suċċess, dan sar mid-19 sas-27 ta' Ġunju 2008 u li ppermetta li tintwera l-kapaċità sħiħa tal-Kwartieri Ġenerali Operattivi Ewropej ta' Ruma (l-Italja) biex jitwettqu operazzjonijiet militari tal-Unjoni Ewropea.

137. L-istat ta' progress tat-tħejjija tal-eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet CME09 kien sodisfaċenti. Dan l-eżerċizzju ser jinkludi, fil-qafas ta' xenarju adatt, iċ-ċentru tal-operazzjonijiet.

138. Il-progress tat-tħejjija tal-eżerċizzju militari MILEX 09 kien sodisfaċenti. Dan l-eżerċizzju ser jinkludi, fil-qafas ta' xenarju għal operazzjoni militari li tkun tinkludi aspetti marittimi, il-Kwartieri Ġenerali Operattivi Ewropej ta' Larissa (il-Greċja) u l-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Ewropej ta' Napli (l-Italja).

## XIV. KOOPERAZZJONI MAL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI, L-IMSIEĦBA MEDITERRANJI U L-ISTATI TERZI

### Unjoni Ewropea - Nazzjonijiet Uniti

139. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU hija element importanti tal-PESD.

140. Fl-10 ta' Novembru 2008 l-Kunsill ħa nota tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2007, partikolarment permezz ta' approfondiment u estensjoni tal-qasam ta' kooperazjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fl-oqsma li ġejjin: allert bikri; taħriġ u eżerċizzji; ippjanar; arranġamenti għat-transizzjoni bejn l-operazzjonijiet; u riforma tas-settur tas-sigurtà.

141. Jeħtieġ li tissokta l-koordinazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fil-post tal-operazzjoni fejn ikunu impenjati flimkien, partikolarment fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fiċ-Ċad, fil-Kosovo, fl-Afganistan, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fil-Ginea Bissaw u fis-Somalja.

142. Il-Presidenza organizzat seminar ministerjali dwar il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet fil-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-preżenza tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż, is-Segretarju Ġenerali/ Rappreżentant Għoli, il-Kummissarju responsabbli għar-Relazzjonijiet Barranin u s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-diskussjoni ffokat b'mod partikolari fuq il-linji ta' kooperazzjoni ġodda previsti u l-mezzi meħtieġa sabiex tissaħħaħ l-isħubija bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet u ta' sigurtà.

143. Il-Presidenza kkoorganizzat ukoll mal-Akkademja Folke Bernadotte (Svezja) Forum internazzjonali dwar l-isfidi marbuta mal-operazzjonijiet ta' paċi bit-titolu *"Sħubiji - In-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u d-dimensjonijiet reġjonali tal-operazzjonijiet ta' paċi: eżempji fil-qafas tal-Kapitolu VII tal-Karta"* bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru f'Pariġi. Dan is-seminar analizza l-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn permezz tal-kooperazzjoni NU - UE kif ukoll it-tagħlim miksub mill-kooperaazzjoni reċenti. Ġew ittrattati wkoll l-aspetti umanitarji, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tal-paċi, kif ukoll ir-riforma tas-sistemi ta' sigurtà.

144. Il-Kumitat ta' Tmexxija UE - NU ltaqa' fl-24 -25 ta' Novembru fi New York. Il-Kumitat iddiskuta l-operazzjonijiet li għaddejjin jew fi stadju ta' ppjanar, kif ukoll aspetti "orizzontali" bħall-ippjanar, l-appoġġ konġunt għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet, il-protezzjoni ċivili, u l-kapaċitajiet ta' medjazzjoni. Il-KPS ġie infurmat bir-riżultati tal-Kumitat.

**Unjoni Ewropea - NATO**

145. Ġiet imfakkra l-importanza ta' kooperazzjoni operattiva tajba bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO fil-postijiet fejn iż-żewġ organizzazzjonijiet huma impenjati flimkien. Is-seminar ta' livell għoli dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-NATO, organizzat f'Pariġi fis-7 ta' Lulju 2008 fil-preżenza tas-Segretarji Ġenerali taż-żewġ organizzazzjonijiet, ikkonferma l-ħtieġa li tiġi approfondita l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet lejn tisħiħ reċiproku tal-azzjonijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, huwa importanti li tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO.

146. Huwa importanti wkoll li titkompla l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet militari. Kif innota l-Kunsill fl-10 ta' Novembru 2008, il-Grupp ta' Ħidma UE-NATO dwar il-kapaċitajiet kompla jservi bħala qafas għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari fl-Unjoni Ewropea u n-NATO meta jkun meħtieġ (pereżempju, l-esternalizzazzjoni tal-appoġġ loġistiku, ħelikopters, spettru tar-radju, trasport bl-ajru, radju definit permezz ta' software). Il-Grupp ta' Ħidma UE-NATO dwar il-kapaċitajiet b'hekk ikkontribwixxa għat-trasparenza bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, skont il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet. L-Istati Membri ġew informati fid-dettall dwar il-punti li tqajmu matul il-Grupp ta' Ħidma UE-NATO dwar il-kapaċitajiet, qabel u wara kull laqgħa. Min issa 'l quddiem, Malta ser tipparteċipa fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma UE-NATO dwar il-Kapaċitajiet. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE tiffaċilita aktar l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-kapaċitajiet militari.

**Unjoni Ewropea - Afrika**

147. Sar progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta Unjoni Ewropea-Afrika u tal-pjan ta' azzjoni tagħha 2008-2010, adottati matul l-aħħar Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika li sar f'Lisbona f'Diċembru 2007.

148. L-ewwel laqgħa fi Brussell, fit-30 ta' Settembru 2008, bejn il-membri tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (KPS) u l-membri tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà (PSC) tal-Unjoni Afrikana kienet l-okkażjoni ta' tisħiħ ġdid tar-rabtiet u tad-djalogu bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet, rigward kwistjonijiet daqstant essenzjali bħat-tisħiħ tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà Afrikana u tal-kapaċitajiet Afrikani għaż-żamma tal-paċi. Din il-laqgħa ppermettiet li tiġi mfakkra l-ħtieġa li jsir progress rigward dossjers konkreti, b'mod partikolari ċ-ċiklu AMANI AFRICA (EURO RECAMP) maħsub biex jappoġġa l-istabbiliment tal-Forza Permanenti Afrikana u li t-tnedija tagħha saret fil-21 ta' Novembru li għadda, kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea liċ-ċentri ta' taħriġ Afrikani fil-qasam taż-żamma tal-paċi li ser jibda mill-ewwel tliet xhur tal-2009 fil-qafas tal-Faċilità ta' Paċi l-ġdida.

149. Hija mħeġġa l-organizzazzjoni regolari ta' laqgħat konġunti bejn il-membri tal-KPS tal-Unjoni Ewropea u tal-PSC tal-Unjoni Afrikana.

**UE-OSKE**

150. Fil-Ġeorġja, l-OSKE u l-missjoni ċivili tal-PESD EUMM qed jikkooperaw mill-qrib fl-osservazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni tal-Ftehim tat-12 ta' Awwissu, iffirmat mill-partijiet kollha fit-8 ta' Settembru. Il-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet ta' osservazzjoni taż-żewġ organizzazzjonijiet hija importanti għas-suċċess tal-missjonijiet kif ukoll għall-paċi reġjonali.

**Kooperazzjoni mal-EUROPOL**

151. Il-ħidma fuq il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-missjonijiet ċivili tal-PESD u l-aġenzija EUROPOL wasslet għall-iffirmar, fit-18 ta' Lulju 2008, ta' ftehim bejn is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-PESK u d-Direttur tal-EUROPOL. Il-Kunsill stieden lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EUROPOL u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, biex jimplimentaw mingħajr dewmien, fir-rigward tal-missjoni EULEX Kosovo, mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni permezz tal-Unitajiet nazzjonali. Il-Kunsill stieden ukoll lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-EUROPOL biex iwettqu evalwazzjoni konġunta tal-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu qabel Ġunju 2009;

**Kooperazzjoni mal-Istati Terzi**

152. L-Unjoni Ewropea kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib fil-maniġġar tal-kriżijiet tal-PESD mal-pajjiżi membri Ewropej tan-NATO li mhumiex membri tal-UE, u l-pajjiżi li huma kandidati għall-adeżjoni mal-UE, il-Kanada,, l-Istati Uniti, ir-Russja, l-Ukraina u Stati Terzi oħrajn. Il-pajjiżi membri Ewropej tan-NATO li mhumiex fl-UE u l-pajjiżi li huma kandidati għall-adeżjoni mal-UE ltaqgħu regolarment mal-KPS u l-EUMC fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-operazzjonijiet militari tal-Unjoni Ewropea.

153. Issokta d-djalogu u l-kooperazzjoni fost l-imsieħba Ewro-Mediterranji fil-qasam tal-PESD. Ħafna minnhom jipparteċipaw fl-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' taħriġ immexxija mill-Unjoni Ewropea.

154. Saret laqgħa informali bejn il-membri tal-KPS u l-membri tan-NATO li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni (FYROM, Kanada, Kroazja, Stati Uniti, Islanda, Norveġja, Turkija), fi Brussell fit-8 ta' Ottubru li għadda. Din il-laqgħa ppermettiet skambju utli dwar kwistjonijiet operattivi ta' interess komuni.

155. Diversi parteċipanti ta' Stati Terzi assistew għall-kors ta' orjentazzjoni fil-qasam tal-PESD organizzat mill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża li sar fi Brussell mill-15 sad-19 ta' Settembru. Bosta Stati Membri ġew mistiedna jipproponu kandidati għall-kors li sar bejn l-24 u t-28 ta' Novembru 2008.

156. Diversi Stati Terzi komplew jipparteiċpaw fl-operazzjoni militari ALTHEA fil-Bosnja-Ħerzegovina (Albanija, Ċilì, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Svizzera u t-Turkija). L-Albanija, il-Kroazja u r-Russja qed jipparteċipaw fl-operazzjoni EUFOR Tchad/RCA. Fil-qafas tal-azzjoni ta' koordinazzjoni militari mmexxija minn EU NAVCO b'appoġġ għar-Riżoluzzjonijiet 1816 u 1814 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, ġew stabbiliti kuntatti ma' diversi Stati Membri mħassba bis-sitwazzjoni fir-reġjun. Dawn il-kuntatti ser jissuktaw, bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni potenzjali tal-Istati Terzi fl-operazzjoni ATALANTA b'mod partikolari.

## XV. <u>MANDAT GĦALL-PRESIDENZA LI JMISS</u>

Abbażi ta' dan ir-rapport u b'kont meħud tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, il-Presidenza li jmiss, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u f'assoċjazzjoni mal-Kummissjoni, hija mistiedna tkompli l-ħidma fl-iżvilupp tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża, u b'mod partikolari:

- Tħejji u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' deċiżjonijiet relatati ma' missjonijiet u operazzjonijiet attwali u futuri, kemm ċivili kemm militari.

- Tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet ċivili fil-qafas tal-Objettiv Primarju Ċivili 2010, b'kont meħud tal-Impenji tal-Ministri dwar il-Kapaċitajiet Ċivili approvati fl-10 ta' Novembru 2008, u tiżgura segwitu għall-inizjattivi għall-effikaċja msaħħa tal-maniġġar ċivili ta' kriżijiet.

- Tkompli taħdem fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari fil-qafas tal-Objettiv Primarju 2010, billi tiffoka fuq ir-rakkomandazzjonijiet mill-Katalogu ta' Progress 07 flimkien mal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet.

- Tappoġġa l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fil-ħidma tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u t-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), b'kont meħud tal-passi konsegwenti elaborati mill-EDA.

- Tiżviluppa aktar il-ħidma fuq proġetti u inizjattivi konkreti ta' kapaċità, inklużi dawk żviluppati mill-EDA.

- Abbażi tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli li kienu adottati mill-KAĠRE f'Novembru 2007, tkompli l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-abbiltà tal-EUMS li jwettaq ippjanar għal operazzjonijiet immexxija mill-UE fil-livell strateġiku, bil-ħsieb tal-preżentazzjoni tas-SĠ/RGħ ta' rapport fil-KAĠRE f'Mejju 2009.

- Relatata mal-koordinazzjoni ċivili-militari (CMCO), tiżviluppa aktar il-ħidma fuq il-kunċett tal-UE ta' Kapaċità Ffaċilitata b'Netwerk.

- Tkompli timplimenta l-programm ta' eżerċizzju tal-UE, inkluż it-twettiq tal-evalwazzjoni komprensiva tas-CME 08 u t-tkomplija tal-ħidma fuq l-ippjanar tal-Eżerċizzju ta' Maniġġar ta' Kriżijiet CME 09.

- Tkompli l-isforz biex jiġu massimizzati l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ippjanar, it-tmexxija u l-kontroll tal-missjonijiet ċivili tal-PESD.

- Timplimenta l-Linji Gwida għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlim u l-aħjar prattiki fil-missjonijiet ċivili tal-PESD.

- Issaħħaħ it-taħriġ fil-qasam tal-PESD, li jinkludi dimensjonijiet kemm ċivili kemm militari, b'mod partikolari permezz tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u b'kont meħud tal-attivitajiet nazzjonali kif ukoll tal-istrumenti Komunitarji.

- Tavvanza aktar bil-ħidma fuq il-kontribut tal-PESD għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR), b'mod partikolari fuq il-ħolqien ta' grupp ta' esperti li jiffurmaw timijiet skjerabbli fil-qafas tal-missjonijiet tal-UE.

- Abbażi tad-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni UE – NU fl-immaniġġar tal-kriżijiet", tkompli tippromwovi konsultazzjonijiet u kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tal-immaniġġar ta' kriżijiet.

- Issaħħaħ is-sħubija strateġika UE-NATO fl-immaniġġar ta' kriżijiet, biex tkun żgurata koordinazzjoni effettiva u prattika, inkluż dwar is-sigurtà tal-missjonijiet ċivili tal-UE, fejn iż-żewġ organizzazzjonijiet huma impenjati fl-istess post, b'mod partikolari fil-Kosovo u l-Afganistan; biex ikun żgurat l-iżvilupp reċiprokament rinfurzanti tal-kapaċitajiet fejn il-ħtiġiet huma sovrapposti, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni fil-Grupp dwar il-Kapaċitajiet UE-NATO; biex titkompla l-implimentazzjoni tal-qafas eżistenti tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO.

- Tkompli l-involviment tal-UE fil-Balkani tal-Punent permezz ta' attivitajiet kontinwi u futuri u tkompli d-djalogu mas-sieħba Mediterranji li qed jipparteċipaw fil-proċess ta' Barċellona.

- Abbażi tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE u l-Pjan ta' Azzjoni (2008-2010), tkompli ssaħħaħ s-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Afrika fil-qasam tal-kapaċitajiet Afrikani għall-prevenzjoni, l-immaniġġar u r-riżoluzzjoni tal-konflitti. Tassisti aktar fl-iżvilupp tal-Forza ta' Standby Afrikana, inkluż permezz tat-twettiq taċ-ċiklu AMANI AFRICA/EURO RECAMP.

- Tkompli d-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib ma' imsieħba ewlenin oħrajn.

- Tkompli tippromwovi l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet rilevanti relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-attivitajiet tal-PESD għall-immaniġġar tal-kriżijietkif ukoll l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u s-suġġett tat-Tfal u l-Konflitti armati

- Tkompli d-djalogu u l-iskambju ta' informazzjoni mal-NGOs u s-soċjetà ċivili skont ir-Rakkomandazzjonijiet għat-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet Non-Governattivi (NGOs) u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (CSOs) fil-Qafas tal-maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet tal-UE u l-Prevenzjoni ta' Konflitti.

- Tkompli l-implimentazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Konflitti inkluż it-tnedija ta' programm ta' sentejn "Kondiviżjoni tal-Aħjar Prattiki" kif ukoll tħejji Rapport tal-Presidenza dwar il-Prevenzjoni ta' Konflitti li għandu jiġi adottat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2009.

- Issaħħaħ l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-PESD bil-ħsieb ta' profil ogħla tal-PESD fl-UE u lil hinn.

- Taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-iskema Ewropea ta' skambji ta' uffiċjali żgħażagħ, ispirata minn ERASMUS.